



Skeda informattiva tas-CETA 4 minn 7

Salvagwardji fis-CETA

Sitt modi kif is-CETA jiggarrantixxi l-interessi tal-UE

F'dawn l-aħħar dibattiti pubbliċi dwar il-ftehimiet kummerċjali, tqajjem tħassib minn:

- membri tal-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali u reġjonali
- Gvernijiet tal-UE
- trejdnjins, korpi tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi oħra tas-soċjetà ċivili.

Dan it-tħassib ikopri interessi ewlenin għall-UE. Is-CETA jindirizza u jiproteġihom, bħalma jagħmel dokument legali bejn l-UE u l-Kanada, imsejjaħ l-Istrument Interpretattiv Konġunt (Joint Interpretative Instrument, JII).

Iż-żewġ naħat huma obligati jirrispettaw dan id-dokument meta jimplementaw is-CETA

Is-sitt

salvagwardji essenzjali tas-CETA

1



Setturi ekonomiċi sensitivi
Protetti

4



Id-dritt tal-UE għar-regolamentazzjoni
Protett

2



Servizzi pubbliċi
Protetti

5



Il-kapaċità li l-UE tistabbilixxi standards ogħla, bħal għall-ambjent jew is-sikurezza alimentari
Garantita

3



Il-prinċipju ta' prekawzjoni
Miżmum

6



Il-promozzjoni tal-kummerċ b'mod li jinżammu jew jogħlew l-istandards tal-ambjent jew tax-xogħol
Garantita

EU-CANADA

COMPREHENSIVE ECONOMIC AND TRADE AGREEMENT (CETA)



Setturi sensitivi

Fejn jidħlu prodotti sensitivi bħal-laħam tat-tjur u l-bajd, is-CETA ma tiftaħ is-suq tal-ebda naħa. Fil-każ taċ-ċanga, il-majjal u l-qamħirrun ħelu, l-UE offriet kwoti limitati mingħajr tariffi.



Servizzi pubbliċi

Il-gvernijiet tal-UE jżommu bis-sħiħ id-dritt li jżommu s-servizzi pubbliċi, u jiddeċiedu għalihom infushom, kif iridu jipprovdu l-kura tas-saħħa jew l-edukazzjoni.



Prinċipju ta' prekawzjoni

Id-dritt tal-UE jipproteġi d-dritt tal-gvernijiet tal-UE li jaġixxu biex jipproteġu s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, f'każ ta' riskju perċepit, anke meta l-analiżi xjentifika ma tkunx konklużiva.

Id-dritt tal-UE, li l-ftehimiet kummerċjali tal-UE jridu jirrispettaw, jiġbor fih dan il-prinċipju. Is-CETA jirreferi wkoll għad-dritt għar-regolamentazzjoni u għall-prinċipji li huma l-bażi tar-reġim regolatorju ta' kull parti.



Dritt għar-regolamentazzjoni

Is-CETA jissalvagwardja id-dritt tal-UE li japplika l-istandards tagħna għall-oġġetti u s-servizzi kollha mibjugħa fl-Ewropa.

L-importazzjonijiet kollha mill-Kanada jridu jissodisfaw ir-regoli tal-UE dwar:

- l-istandards tekniċi
- is-sikurezza tal-konsumaturi
- il-ħarsien tal-ambjent
- is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti
- is-sikurezza alimentari u l-OĠM.

U dawk li jfasslu l-liġijiet tagħna se jkomplu jagħmlu dawn ir-regoli.



Standards futuri

Is-CETA jippermetti li nistabbilixxu standards ogħla u livelli ta' protezzjoni għas-sikurezza alimentari u tal-prodotti, tax-xogħol jew tal-ambjent, jekk inkunu rridu.

Il-ftehim jipproteġi b'mod espliċitu "d-dritt għar-regolamentazzjoni" tal-gvernijiet tal-UE f'dawn l-oqsma u f'oqsma oħra. Il-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jinkludi dawn is-salvagwardji.



Ebda ġirja lejn l-aktar livell baxx

Is-CETA jipprevjeni r-riskju ta' ġirja lejn l-aktar livell baxx fi standards ambjentali jew tax-xogħol. Jipprevjeni li l-gvernijiet jippermettu eċċezzjonijiet għal-liġijiet domestiċi tagħhom, jew ma jinfurzawhomx, bħala mod biex iħeġġu l-kummerċ u l-investment.

Fil-fatt, is-CETA jippromwovi prattiki bħal ma huma r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, u t-trasparenza fin-negozju.

EU-CANADA

COMPREHENSIVE ECONOMIC AND TRADE AGREEMENT (CETA)

- **Ħarsien tal-investimenti**

L-investiment kien parti mill-mandat ta' nnegozjar tal-Kummissjoni: il-gvernijiet tal-UE riedu li l-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess tal-investituri tal-UE għas-suq Kanadiż u li tinneogzja r-regoli biex tippromwovi u tipproteġi lill-investituri tal-UE.

B'hekk is-CETA jiżgura protezzjoni għall-investimenti filwaqt li jiġbor fih id-dritt li l-gvernijiet jirregolaw fl-interess pubbliku, inkluż meta tali regolamenti jaffettwaw investiment barrani.

L-UE ssostitwiet il-forma antika ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (investor-state dispute settlement, ISDS) f'ħafna ftehimiet kummerċjali eżistenti b'Sistema ta' Qorti tal-Investment (Investment Court System, ICS).

Il-karatteristiċi tas-sistema l-ġdida se jinkludu:

- mħallfin professjonali u indipendenti marbutin b'kodiċi ta' kondotta strett
- seduti ta' smiġħ fil-pubbliku u publikazzjoni ta' dokumenti relatati mal-każijiet
- raġunijiet speċifikati b'mod ċar li minħabba fihom investitur jista' jikkontesta Stat.

L-UE u l-Kanada se jkomplu jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw l-ICS f'konformità mal-impenji li għamlu:

- fl-Istrument Interpretattiv Konġunt
- fil-ftehim stess.

